*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 65**

**Il-Ħamis 16 ta' Novembru 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Kien hemm żewġ ittri t'apoloġiji

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**65.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**65.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard.

**65.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 64 tas-16 ta'Ottubru 2017:***

**65.2.1** Is-Sindku qal li paġna 9 f'paragrafu 64.8 m'hemmx imniżżel min ippropona u min issekonda l-pagamenti u għaldaqstant għandu jiżdied dan il-paragrafu

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.*

Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**65.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 4 it-tielet paragrafu għaliex il-kunsill iddeċieda qedna illi l-ittra għanda tinbagħat lil Ministeru tal-Edukazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-Ministeru tal-Edukazzjoni huma l-applikanti.

Is-Sindku qal li fil-laqgħa li kellhom ġewwa l-OPM li kienu attendew għalija l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri flimkien miegħu u mas-Sinjorina Chantel Zammit qatt ma isemmha l-pjan li jinbena *diving centre* hemm. Huwa kompla jgħid illi meta ikkomunika mal-President tal-Waterpolo pitch is-Sur Aaron Simpson, li kien preżenti waqt din il-laqgħa ikkonferma illi ma kienux semmewha min-naħa tagħhom u minkejja ma kinitiex intenzjonata skuża ruħu.

**65.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 paragrafu 63.2.8 rigward l-*isleeping policeman* ta' Triq tal-Gardiel għaliex għada ma tneħħietx.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li kien ilhu erba ġimgħat jigri wara l-kuntrattur u meta fl-aħħar il-Perit tal-kuntrattur ġie nfurmah illi biex titneħħa din l-*isleeping policeman* jridu japplikaw għat-*trenching permit system* minħabba li jrid jġib il-makkinarju u għaldaqstant il-proċess ser jieħu iktar fit-tul.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kull ma hemm bżonn huwa *scarifier* u ma għandiex għalfejn nikkumplikaw l-affarijiet iktar milli huma. Huwa kompla jgħid li din trid titneħħa illum qabel għada għaliex hemm garaxxijiet li qed jerqu bl-ilma tax-xita.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li din l-*isleeping policeman* saret mingħajr permess u għaldaqstant għandha titneħħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jekk dan il-kuntrattur ma jkunx jrid jgħamilha mingħajr ma japplika għat-*trenching permit system* allura għandna nsibu lil xi ħadd ieħor li jgħamilha.

Is-Segretarju Eżekuttiv ċempel lil Perit Cachia u nfurmah illi kull ma hemm bżonn huwa ta *scarifier* u ma hemmx bżonn makkinarju li hemm għalfejn japplikaw għat-*trenching permit system*. Il-Perit Cachia kkonferma li ser titneħħa jew il-ġurnata ta' wara jew kmieni l-ġimgħa ta' wara.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk inħarġietx *works order* sabiex titneħħa din l-*isleeping policeman*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li le għax kien qed jistenna li jiltaqa mal-Perit.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li importanti li tinħareġ works order mill-ewwel ħalli jekk jinqala xi ħaġa aħna bħala Kunsill inkunu koperti.

**65.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 5 paragrafu 63.2.11 rigward l-*objection* tal-*caravan site* u jekk għandiex risposta.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-6.20p.m***

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li kien ltaqa mal-bord tal-Inwadar u qalulu illi azzjoni diġa ittieħdet u għandhom jieħdu iktar azzjoni biex jitnaddaf l-Inwadar u jitneħħew il-*caravans*. Huwa kompla jispjega illi għad fadal żewġ *caravans*, fejn wieħed huwa bil-pjanċi maltin u l-ieħor huwa bil-pjanċi barranin. Il-problema hija li wieħed mil-*caravans* jinsab ġo propjeta` privata. Il-Puluzija kienu ħadu azzjoni u tneħħew il-maġġor parti minnhom.

Is-Sindku qal li din hija biċċa xogħol tal-*cleansing*, allura għandna niktbu dirett lill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Kunsilli Lokali l-Onor. Owen Bonnici.

**65.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 5 paragrafu 63.2.12 fejn staqsa jekk għandiex xi żvilupp fuq l-imwejjed u siġġijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kellhu laqgħa fl-uffiċini mat-TMalta u s-Sur Silvio Scerri li huwa ic-*Chief Officer* ikkonferma li huwa kontra l-imwejjed u siġġijiet li jitpoġġew fil-parkeġġi għaliex huma ta' periklu u li ser jgħamel minn kollox biex permessi bħal dawn ma jingħatawx.

Is-Sindku qal li Corner View għadu jabbuża sal-ġurnata tallum. Il-Pulizija ġiet infurmata ħafna drabi iżda qatt ma ttieħdu passi. Hemm bżonn li niktbu s-Supretendent Azzopardi għax ċerti li jieħdu passi.

Is-Sindku qal illi l-applikazzjoni tal-imwejjed u siġġijiet ta' Nina's Cafe ġiet irtirata.

**65.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 5 paragrafu 63.2.15 jekk għandiex risposta rigward il-ħmieġ tal-*fishfarms*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-ittri inbagħatu u anke ntbagħtu *reminders* imma risposta ma għandiex.

**65.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 5 paragrafu 63.2.18 staqsa jekk għandiex risposta fuq il-materjal li għad hemm fl-impjant tar-riċiklaġġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi wara li konna bagħtna l-ittra ġejna nfurmati illi qed jużaw *jumbo bags* biex jiġbru l-iskart separat fihom.

Is-Sindku qal li huwa nfurmat illi ser jsir *upgrade* tar-riċiklaġġ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-materjal għadu jidher fil-bitħa u mhux miġbur ġo *jumbo bags*.

**65.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 6 paragrafu 63.2.19 fejn staqsa rigward il-kuntratt tal-knies jekk sarietx inspezzjoni fuq kemm qed jkun hemm ħaddiema u rigward l-lista ta' ħaddiema skond il-*Jobplus*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li issa qed jkun hemm 4 ħaddiema assenjati f'Marsaskala. Rigward l-*Etc list* is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li l-lista ġaba iżda l-ħaddiema li għandu għadhom m'humiex mniżżla fil-lista tal-*Jobplus*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa importanti li jġbilna l-*etc list* aġġornata. Huwa kompla jgħid illi l-boroż mhux qed jinġabru dejjem wara li jikinsu u ġieli jitħallew anke hemm.

Is-Sindku qal illi kull meta jibagħtu jagħmel biċċa xogħol dejjem jagħmilha.

Il-Kunsillier is-Sur John. B Camilleri qal li l-knies ipprogressa u anke n-nies m'għadomx jilmentaw kif kienu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandna nagħtuh ċans ġimgħa sabiex jipprovdi lista aġġornata tal-ħaddiema u navżah fuq il-boroż sabiex jinġabru.

**65.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 4 l-aħħar paragrafu fejn qal illi fuq il-Media intqal illi l-applikazzjoni tal-AUM mixja u dehret anke xi pjanta tal-proġett kif ser jkun. Huwa kompla jgħid illi qed jintqal illi d-dormitorju ser ssir applikazzjoni apparti.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir laqgħa magħhom kemm jista jkun malajr.

**65.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 5 paragrafu 63.2.13 kif bqajna fuq il-fustun min-naħa tal-MTA.

Is-Sindku wieġbu illi l-MTA ikkonfermaw illi l-fustun ser jsir min-naħa tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsilliera illi rigward id-dawl tal-Milied il-Wasteserv ser jarmaw bħas-snin ta qabel u l-MTA ser jarmaw Triq is-Salini.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li dawl dekorattiv tal-Milied ser jinxtgħel mit-8 ta' Diċembru 2017 sas-6 ta' Jannar 2018

**65.2.11** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 9 paragrafu 64.8.2 jekk it-testijiet tat-tarmak ta' Triq il-Qaliet sarux.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li bagħatnilhom sabiex jsir kemm ta' Triq il-Qaliet kif ukoll ta' Triq tal-Gardiel.

**65.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**65.3.1** **<u>Korrispondenza mil-UIF dwar il-bini tal-Kunsill kif ukoll mid-DLG:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi l-UIF aċċettaw illi parti minn dawn il-fondi jintuża għal-bini tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemm bżonn li l-istimi jiġu aġġornati għaliex l-istima li għandha ilha tlett snin.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien ħa deċiżjoni l-proġett għandu jinqasam fi tnejn l-ewwel fażi ta' *piling* u kostruzzjoni u t-tieni fażi ta' *finishings*.

Il-Kunsill qabel li fi żmien xahar il-Perit għandu jaġġorna l-istma tal-bini tal-ewwel fażi peressli l-istima li kellna tlett snin ilhu, għaliex b'hekk inkunu nistgħu nippjanaw aħjar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li irridu nħaffu għaliex id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali tagħna *deadline* sas-sena d-dieħla sabiex nużaw il-fondi.

**65.3.2** ***Stimi dwar chevrons li jaħdmu bis-solar panels minn Smart Light Systems:***

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq il-bżonn li jsiru *solar pannels* mal-*barriers* li hemm fi Triq id-Daħla ta' San Tumas fejn il-liwja ftit il-fuq minn Torri Mamo.

Huwa kompla jispjega illi mar jara s-*sample* għand *Smart Light Systems* u offra tlett kwotazzjonijiet:

1. Li jitwaħħlu Led lights mal-4 *arrow signs* li hemm li tiswa €607.70
2. Li jiġu nstallati erbgħa vleġġeġ minflokk li hemm li jixgħelu minnhom infushom li jiswew €1043.12
3. Li jiġu nstallati ħames vleġġeġ minflokk li hemm li jixgħelu minnhom infushom li jiswew €1197.70

Is-Sindku qal li hemm bżonn li jsiru maż-żewġ naħat. Huwa qal li tajjeb li nitkelmu miegħu sabeix jtina żewġ settijiet ta' b'ħamsa kull naħa għal prezz ta' €1000 kull sett.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemm bżonn li jsir *embellishment* f'dik l-*area*.

**65.3.3** ***Laqgħa mal-iżvilluppaturi tal-Jerma li saret nhar it-Tlieta 14 ta' Novembru 2017:***

Is-Sindku qal li għal din il-laqgħa attendew il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri. Huwa qal li din il-laqgħa kienet pożittiva ħafna u minn *power point presentation* li wrewna ser jingħata *face lift* qawwijja. Huwa kompla jispjega illi l-binja ser jkun fijha 61,000 metru kwadru u ser tkun maqsuma f'60% lukanda u 40% residenzjali.

Is-Sindku kompla jispjega illi l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ħareġ bi proposti tajbin sabiex it-triq tiġi b'*tunnel* u t-traffiku ma jdurx madwar it-torri u anke jitkellmu ma Wirt Artna ħalli flimkien jippromovu t-Torri ta' San Tumas. Huwa kompla jispjega illi s-sistema tad-drenaġġ ser tinbidel.

Is-Sindku qal li l-aħjar issir laqgħa mal-iżvilluppaturi u l-Perit tagħhom flimkien mal-Kunsill u wara jerġu jkunu mistiedna għal laqgħa pubblika.

Il-Kunsill qabel li il-laqgħa mal-iżvilluppaturi ssir ġewwa l-*Wasteserv* nhar it-Tnejn 4 ta' Diċembru fis-7.00pm.

**65.3.4** **Ikla tal-Milied u Bibita tal-Milied:**

**65.3.4.1** Il-Kunsill qabel unanimament illi l-ikla tal-Kunsill ser issir nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017 ġewwa *Brown's Restaurant Waterfront*.

**65.3.4.2** Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Bibita ssir nhar is-Sibt 6 ta' Jannar 2018 ġewwa *Grabiel Tents*.

**65.3.5** **Claim għal ħsara fil-vettura DES278:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sur Grezzju Desira qed jitlob rimbors ta' €223 għal ħsara li ġarrab fis-*shock absorbers* u xi *spare parts* oħra minħabba ħofra li hemm fi Triq San Gwakkin.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri irrefera għar-ritratti li pprovda u qal li ma jaqblux għaliex wieħed miġbud kif taqbad il-Bidni u l-ieħor miġbud iktar l-isfel.

Waqt diskussjoni bejn il-Kunsilliera rriżulta illi l-ħsarat illi ġarbet din il-vettura DES278 ma jistax jkunu kompatibli mal-ħofra li hemm fit-triq u għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li ma jagħtiex rimbors għal dan il-klejm.

**65.3.6** **Flights tickets għal Brussels 30/1/18 – 2/2/18:**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi hu flimkien mal-Kunsillier Sandro Gatt kienu infurmaw lil Kunsill illi f'Ottubru kienu ġew mistiedna sabiex jitilgħu Brussels fuq stedina mill-President tad-*Douzelage*. Huwa kompla jispjega illi minflokk f'Ottubru ser jitilgħu f'Jannar u qatgħu l-biljetti tal-ajru. Dan biex ikomplu fuq dak li spjega l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt waqt il-laqgħa tad-*Douzelage* li kienet saret f'Mejju fil-Ġermanja.

**65.5** **Rapporti:**

Ma kien hemm l-ebda rapport.

**65.6** **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġa.**

Ma kienx hemm items oħra

**65.7** **Korrispondenza:**

**65.7.1** ***Korrispondenza dwar Karavans fiż-Żonqor (35/3709/17/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li apparti li fil-laqgħa li kellhu mal-Bord tal-Inwadar qalilhom illi l-Kunsill ma jaqbilx mal-*caravan site* u kiteb ukoll lil Ministru sabiex jinfurmah dwar dan.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fil-leġislatura preċedenti l-Kunsill kien diġa ħa pożizzjoni dwar dan u ma kienx qabel li jsir *caravan site*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li *campsite* mamra sew hija veru sabiħa imma mhux id-diżastru li hemm.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fl-inħawi taż-Żonqor ser jsir wisq żvilupp. Huwa qal li ser issir l-universita`, minflok il-pixxina l-antika kif ukoll *diving centre* propost, *fishfarms* u allura żgur li m'hemmx lok li ssir *caravan site* ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li probabilment ser jgħaddi ukoll il-*pipe* tal-gass minn hemm.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-Ministru u ngħidulu illi l-Kunsill ma jaqbilx.

**65.7.2** ***Ċirkulari 31/2017 – Bżonn li jinħatar Aġent Segretarju Eżekuttiv (35/3733/17/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv reġa talab lil Kunsilliera sabiex jaħtru Aġent Segretarju Eżekuttiv skond iċ-Ċirkulari li ntbagħtet kif ukoll ir-reminder mid-DLG.

Il-Kunsill qabel unaniment illi ma jaħtarx Aġent Segretarju Eżekuttiv u dan peress li ma jarax il-ħtieġa skond kif hemm enfasiżżat fiċ-ċirkolari.

**65.7.3** ***Sqaq Triq il-Maħsel k/m Triq il-Qaliet (35/3688/17/I):***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li dan l-isqaq huwa privat tal-*MACE Development* u pruvajna nikkuntatjawhom pero` qatt ma stajna naqbduhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li dan l-isqaq ilhu jintuża aktar minn 30 sena u anke hemm is-servizzi għaddejin fih u allura skond il-liġi dan għandu jibqa sqaq pubbliku.

Il-Kunsill qabel li dan l-isqaq jingħata bil-konkos mil-kuntrattur tal-Kunsill.

**65.7.4** ***<u>Cir AKL 94/2017 – Ċirkulari Multi mil-Awtorita` tas-saħħa u sigurta` fuq il-post tax-xogħol.</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li kull Kunsill Lokali rċieva multa tal-OHSA minħabba s-sigurta` fuq il-post tax-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega illi l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tgħamel diskussjonijiet magħhom rigward dawn il-multi u tat istruzzjonijiet biex ħadd ma jħallas din il-multa.

**65.7.5** ***<u>Minuti tal-laqgħa ma TMalta:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal fil-laqgħa li kellu ma TMalta iddiskutew il-proposta li Triq il-Qaliet ma Pjazza Mifsud Bonnici issir *two lane* skond il-proposta tal-Kunsillier Charlot Mifsud li kienet ġiet approvata waqt seduta prċedenti. Min-naħa tagħhom TMalta ser jgħamlu xi pjanti dwar dan. Fir-rigward ta' residential parking, qed isir studju estensiv minn TMalta u kull applikazzjoni li hemm qed tinżamm pendenti. Fir-rigward tal-Park and Ride, is-Sur Silvio Scerri stieden lis-Sindku biex jikkorispondi miegħu għaliex kellu ideja tajba li tintuża t-tramm fi żmien il-Milied bi prova.

Is-Sindku tkellem mas-sur Silvio Scerri u filwaqt illi irringrazzjah qabel mal-proposta tiegħu. Huwa rringrazzjah ukoll tal-proġett li qed isir fi Triq il-Kannella ma Triq l-Aħmar. Huwa kompla jispjega illi kien hemm erbgħa garazzijiet li kienu qed jgħarqu bl-ilma li kien jinżel minn Triq l-Aħmar, fejn fil-preżent qed isir *culvert* biex b'hekk l-ilma jiskula l-isfel lejn Triq ta' Gidwet.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kien ikun tajjeb li kieku semmejnilhom sabiex tinfetaħ triq bejn Triq Frans Grech u Triq l-iskal.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi din issemmiet ukoll.

**65.7.6** ***<u>Korrispondenza rigward Triq il-Bidni mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qed jitlob sabiex issir Triq il-Bidni minħabba ħafna ilmenti li ilhom jsiru mir-residenti.

Is-Sindku qal li ħarġu xi fondi u nistgħu napplikaw għalihom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li dawn kienu fondi li l-applikazzjoni tagħhom għalqet u kienu nfurmawna min-naħa tal-Ministeru tat-toroq liema toroq bi ħsiebhom jsiru f'Marsaskala iżda Triq il-Bidni ma kienitx waħda minnhom.

Is-Sindku qal li għandha niktbu lis-Sur Aaron Farrugia Segretarju Parlamentari tal-Fondi Ewropej sabiex ngħidulu bil-bżonn li ssir din it-triq.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**65.7.7** ***<u>Minuti tal-aħħar laqgħa fuq l-appell kontra l-enforcement tal-eks Jerma Palace:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi l-appell għadu għaddej skond il-minuti li kien ipprovda lill-Kunsilliera kollha għalkemm issa s-seduta kienet aġġornata għad-deċiżjoni finali fit-tribunal tal-appell.

**65.7.8** ***<u>Kwistjoni mas-Summer Nights:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm problema fil-bankina fi Triq Guzeppi Spagnol peress li kif saret kienu qed jerqu xi residenti li joqgħodu hemm. Huwa kompla jispjega illi wara ħafna diżgwid il-problema ġiet solvuta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fl-laqgħa preċedenti l-Kunsill kien qabel illi ma jidħolx fil-kwistjoni ta' din il-bankina u kellha tieħu deċiżjoni fuqha il-Planning Authority.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li dan it-taraġ ilhu li kien sar u qatt ma kien sar mill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal jekk ġiex maħsub illi l-katusa issir wiesgħa biżżejjed anke biex nevitaw problemi bħal dawn iktar fil-futur. Huwa kompla jgħid illi affarijiet bħal dawn irridu nġibu Perit u mhux nieħdu deċiżjoni aħna fuq kif isir ix-xogħol.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi għandna nikbtu lil WSC is-sezzjoni tal-*istorm water unit* għaliex bħal issa qed jgħamlu studju fuq l-għarar li jkun hemm fi Triq Sant'Anna u nitolbuhom illi l-istudju jsir anke fi Triq Guzeppi Spagnol u Triq l-Iskal għaliex l-ilma jinżel minn hemm ukoll għal ġo Triq Sant'Anna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li din hija kwistjoni serja u l-problema għanda tissolva mmedjament li ma jmurx jisfronda xi saqaf u jkun hemm xi nċident fatali.

Il-Kunsill qabel li niktbu lil WSC.

**65.7.9** ***<u>Speed Cameras fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.</u>***

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lil LESA u nitolbuhom sabiex apparti li jsiru speed cameras fi Triq il-Qaliet, jsiru ukoll fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.

**65.7.10** ***<u>Data għar-riċeviment tal-Bibita 2017:</u>***

Din ġiet diskussa iktar kmieni f'punt 65.3.4.

**65.8** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>***

**65.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgha:

1) *JS Ironmongery bl-invoices* S39168, S39167, S39166, S8830, S38171, S38173 li jammontaw għal €85.85

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fit-8.00pm***

**65.9** ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

**65.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri u issekondata mis-Sindku (159- 8/11/17):</u>**

*"Jipproponi li fi Triq San Ġorġ il-Kunsill jitlob lil Enemalta għal installazjoni permanenti tal-eletriku sabiex matul is-sajf meta jkun hemm xi attivita` u tirrikjedi li jkun hemm bzonn "3 phase supply". Din ukoll tirrikjedi li l-Kunsill jinstalla apparat bħal "Main Switch" u kull ma hemm bżonn sabiex fuq is-simenta ikun hemm provdut sistema ta' enerġija elettrika għal kull attivita` li tittella , dan għandu jiffaċilita u jkun aktar sikur milli jinkera ġeneratur jew linji temporarji min naħa l-oħra tat-triq."*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-*outlet* issir fuq is-simenta u d-*distribution box* issir ħdejn il-kamra tas-sajjieda.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li peress li l-proġett li kien ser jsir fuq is-simenta waqaf għal kollox issa qed jtellu dgħajjes ta' ċertu qis fuq is-simenta.

Is-Sindku qal li l-għaqda tirrapreżenta kemm baħħara u kemm dilettanti u ma tistax tiddistingwi liema tip ta' dgħajsa tista titella.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien ra xi korrispondenza li turi li l-Għaqda Sajjieda u Baħħara għandhom titlu fuq l-art.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu jaqbel mal-mozzjoni iżda li tintuża għal-attivitajiet għal-lokal.

Il-Kunsill qabel ma din il-mozzjoni iżda qabel ukoll li għandna niċċekjaw mad-Dipartiment tal-artijiet jekk hemm xi titlu fuq l-art in kwistjoni.

**65.9.2** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri u ssekondata mis-Sindku (160-8/11/17):</u>**

*"Jipproponi li jekk il-kunsil jaqbel ma l-ewwel mozzjoni jikkunsidra ukoll il-possibilta` li jkun installat xi tip ta' meter bi ħlas għal min ikun ħa jagħmel xi attivita` jew ikollu bżonn l-enerġija eletrika fuq is-simenta. Dan sabiex ikopri l-ispejjes konċernati ma' din is-sistema. Kif ukoll jitnaqqas il-periklu fl-inħawi."*

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-mozzjoni ma ssirx

**65.9.3** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri u ssekondata mis-Sindku (161-8/11/17):</u>**

*"Jipproponi li peress illi ta' kull sena l-Kunsill qed ikollu jħabbat wiċċu ma problemi tal-elettriku fis-sistema li tissuplixxi l-enerġija sabiex tinxtel is-sistema tad-dawl li hemm fi Triq iż-Żonqor u dan jiġri minħabba il-fatt li l-baħar jibqa tiela ġol kaxxa tad-dawl li hemm ma ġenb il-pitch tal-waterpolo, issir ix-shifting tal-meter u l-apparat minn isfel għal fuq il-bejt tal-Pitch tal- waterpolo."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar din il-mozzjoni.

**65.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2017 fis-6.00pm.

Konfermat illum 16 ta' Novembru 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |